MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 2/2004/1

**Raymond Tanti maghruf bhala Sabrina Tanti**
**Vs**
**L-Avukat Generali u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

1. Illi l-esponent twieled fit-12 ta' Mejju 1969 u gie rregistrat fic-certifikat tat-twelid bl-isem ta' Raymond Tanti ta' sess maskili kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok A).

2. Illi minn ckunitu, l-esponent kellu inklinazzjonijiet, atteggjamenti u orjentamenti femminili, kemm psikologikament kif ukoll esternament.

3. Illi sabiex jehles mill-konflitti interni ghar-rigward tal-personalitajiet tieghu, l-esponent issottometta ruhu ghal operazzjoni kirurgika maghrufa bhala “gender reassignment” u b’hekk assuma s-sess femminili, kif jirrizulta mill-anness certifikat mediku (Dok B).

4. Illi ben konxju tal-fatt li llum la darba l-istat civili tieghu ta’ ragel ma jikkorrispondix ghall-personalita tieghu, effettivament, l-esponent talab lid-Direttur tar-Registru Pubbliku korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid, izda din giet michuda.

5. Illi dan ir-rifjut flimkien mal-fatt li l-ligi Maltija ma tipprovdix ghall-ezigenzi tat-transesswali, tikkrea problemi kemm emozzjonali kif ukoll guridici ghall-esponent, li jammontaw ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu li jgawdi l-hajja privata tieghu protett mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:

(i) tiddikjara li c-cahda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li jaghmel il-korrezzjonijiet mitluba fic-certifikat tat-twelid tieghu, flimkien mal-fatt li l-ligi Maltija ma tipprovdiex ghall-esigenzi transesswali, u ma tirrikonoxxihomx, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, bhala persuni tas-sess akkwistat wara l-operazzjoni tal-“gender reassignment”, u ma taghtihomx id-drittijiet kollha illi l-ligi taghti lil persuni mwielda b’dak is-sess jikkostitwixxu ksur ta’ l-Artikoli 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

(ii) taghtih dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa ghat-twettiq ta’ dawn id-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom li tordna li fic-certifikat tat-twelid tieghu jigi mibdul is-sess ta’ l-esponent ghall-femminili u li ismu jigi registrat bhala Sabrina minflok Raymond.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimati; Fol.11

Rat ir-rapport tal-Professur Mark Brincat minnu debitament mahluf fit-23 ta’ Gunju 2004;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrenti qed jsostni li c-cahda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li jghamel il-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tieghu biex jirrifletti s-sess tieghu llum, flimkien mal-fatt li l-ligi Maltija ma tipprovdix ghall-ezigenzi transesswali u ma tirrikonoxxix il-bidla fis-sess taghhom wara operazzjoni tal-gender reassignment, jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem; u qed jitlob rimedju minn din il-Qorti.

Illi fl-affidavit tieghu r-rikorrent spjega f’ certu dettal kif hu minn dejjem kellu inklinazzjonijiet feminili u dejjem hass gibda lejn is-sess maskili. Konsegwentement, fis-7 ta’ Novembru 1996 f’ Brighton l-Ingilterra ghamel l-operazzjoni msejjha. Huwa spjega kif, ghalkemm immedjatament wara gender reassignment beda jhossu hafna ahjar, xorta baqa’ jiffaccja problemi u sitwazzjonijiet imbarazzanti minhabba li d-dokumenti ufficjali ghadhom juruh fil-kategorija ta’ sess maskili. Din is-sitwazzjoni qed tkun kawza ta’ tensjoni kbira u zejda f’ hajtu; u inoltre qed tohloqlu diffikulta’ sabiex isib ix-xoghol. Fil-fatt ir-rikorrent jghid li sallum ma jistax isib xoghol, kawza tat-tfixkil li qed jintaqa’ mieghu minhabba l-posizzjoni tieghu kif tidher fuq id-dokuemnti, u senjatament c-certifikat tat-twelid tieghu, u qed jghix bl-ghajnuna socjali.

Illi l-Professur Mark Brincat fir-relazzjoni tieghu kkonstata li r-rikorrent kien ghamel l-operazzjoni fuq indikata u li “at one time she had been extensively councelled by a Psychologist in Sussex.” Illum “Her body habitus is that of a female and in my opinion she is functionally and phenotypically a female.” [Fol.36].

Jigi osservat in tema legali li l-posizzjoni legali tat-transesswali llum tinsab stabbilita fil-gurisprudenza Maltija bid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Raymond Gilford vs Direttur tar-Registru Pubbliku [2001]

[Vol.LXXXV.I.183] u li l-insenjament ta’ din il-kawza gie abbraccjat fil-kawzi Joseph[Tracy]Ellul vs Avukat Generali deciza 2.11.2001;George[Yana]Camilleri vs Avukat Generali decisa. 2.10.2002; u Joseph Hili [Nadia]vs l-Avukat Generali deciza fit-30.05.2003.

Gie deciz li n-nuqqs tal-istat li jipprovdi ghall-esigenzi tat-transesswali b’ mod partikolari ghal dak li jirrigwarda – registrazzjoni fl-att tat-twelid taghhom tas-sess u ta’ l-isem li bih kellhom jigu msejha, jikkostitwixxi ksur tad-dritt fondamentali kontemplat fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, liema artikolu “does not merely compel the State to abstain from …. interference: in addition to this primary negative undertaking, there may be positive obligations inherent in an effective respect for private and family life…. These obligations may involve the <u>adoption of measures designed to secure respect for private life</u> even in the sphere of the relations of individuals between themselves.

“Il-lezjoni hi dovuta ghaliex il-ligi ma tipprovdix ghall-esigenzi ta’ individwu transesswali u ghalhekk tpoggih f’ posizzjoni ta’ inferjorita’ ma individwi ohra u tesponih ghac-cirkostanzi li fihom ma jkunx jista’ jigawdi b’ mod shih il-hajja privata tieghu.  Sitwazzjoni din li mihjex biss rizultat ta’ xi nuqqas ta’ rispett da parti ta’ l-istat meta ma bidilx ic-certifikat tat-twelid biex jirrifletti s-sess apparetni tar-rikorrent illum” Dan gie ribadit fil-kawza [PA [GV] Francis maghruf bhala Mandy Zammit vs L-Avukat Generali u d-Direttur tar-Registru Pubbliku deciza fl-14 ta’ Jannar 2002 u li abbraccjat bis-shih l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Gillford fuq citata.

Illi fil-kaz in disamina ma hemmx dubbju li kemm l-elementi tal-genwinita’ kif ukoll dak tal-irrevokabbilita’ jinsabu sodisfatti. Irrizulta ampjament li s-sitwazzjoni tar-rikorrent kienet dettata minn necessita’ naturali, u skond il-metodi u mezzi xjentifici accettati u provveduti fil-post fejn domiciljat jew tgawdi n-nazzjonalita…  Sakemm hija baqet resgistrata bhala ragel kienet qieghda titltaqa’ ma diffikultajiet tali, li certament jistghu jigu definiti bhala krudili u umiljanti. [QK Lawrence [Roxanne] Cassar – 14

ta’ Lulju 1995].Inoltre ir-rikorrenti ma jista’ jerga’ jassumi s-sess originali taghha.

Dan premess u kunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u ghandha tigi milqugha.

Illi in kwantu ghar-rimedju li ghandu jinghata, jigi osservat li fil-kawza Gilford, il-Qorti Kostituzzjonali f’ dan ir-rigward, kkonfermat li ghandhu jsir it-tibdil fl-att tat-twelid kif ukoll li jigi annotat li dan it-tibdil sar b’ decizjoni tal-Qorti; izda rrevokat il-parti fejn giet ordnata l-annotazzjoni wkoll li dan kien sar wara intervent kirurgiku ta’ gender reassignment.

In kwantu ghall-ispartizzjoni tal-ispejjez il-Qorti ser issegwi l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza George sive Yana Camilleri fuq citata, u filwaqt li tordna li l-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a kariku tal-intimati, dawk tar-rapport mediku ghandhom jkun a kariku tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrent kif ser jinghad u, filwaqt li tiddikjara li l-fatt li l-ligi Maltija ma tipprovdix ghall-ezigenzi transesswali jikkostitwixxi ksur ta’ l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku biex fl-att tat-twelid tar-rikorrent, li jgib in-numru 1875/1969 fil-kolonna “Isem il-Wild” l-isem “Raymond” jigi sostitwit bl-isem “Sabrina”, u fil-kolonna “Sess” il-kelma “Male” tigi sostitwita bil-kelma “Female”, u tordna lill-istess Direttur wkoll li jaghmel l-annotazzjoni mehtiega f’ dan ic-certifikat biex jigi registrat li dan it-tibdil qed isir in forza ta’ din is-sentenza.

L-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-intimati, hlief dawk tar-relazzjoni peritali li ghandhom jibqghu a kariku tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------